

Brussell, 12 ta' Frar 2021  
(OR. en)

5186/21

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0235 (NLE)**

---

**RECH 10**  
**COMPET 15**  
**ATO 4**  
**CADREFIN 11**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall ITER u għall-lżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2021/...**

**ta' ...**

**li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom  
li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER  
u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari t-tielet u r-raba' paragrafi tal-Artikolu 47 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar l-Istabiliment tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER għall-Implimentazzjoni Konġunta tal-Proġett ITER<sup>1</sup> (Il-"Ftehim ITER") ġie ffirmat f'Novembru 2006 mill-Euratom, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, il-Federazzjoni Russa u l-Istati Uniti. Il-Euratom, li huwa l-Parti Ospitanti skont il-Ftehim ITER, ħa t-tmexxija ta' dan il-proġett.
- (2) Permezz tad-Deċiżjoni 2007/198/Euratom<sup>2</sup>, il-Kunsill stabbilixxa l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fużjoni għall-Enerġija) ("l-Impriża Konġunta") biex tipprovdi għall-kontribuzzjoni tal-Euratom għall-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Enerġija mill-Fużjoni ITER u għall-Attivitajiet ta' Approċċ Usa' mal-Ġappun u biex tħejji u tikkoordina programm ta' attivitajiet bi tħejjija għall-konstruzzjoni ta' reattur dimostrattiv tal-enerġija mill-fużjoni u faċilitajiet relatati.

---

<sup>1</sup> ĠU L 358, 16.12.2006, p. 62.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (ĠU L 90, 30.03.2007, p. 58).

- (3) L-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2007/198/Euratom jipprevedi li l-Impriża Konġunta għandu jkollha regolament finanzjarju distint ibbażat fuq il-prinċipji tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013<sup>1</sup> u li jista' jiżvija minn dak ir-Regolament ta' Delega meta l-ħtiġijiet operazzjonali speċifiċi tal-Impriża Konġunta jirrikjedu dan, soġġett għal konsultazzjoni minn qabel mal-Kummissjoni. It-Titolu IV tar-regolament finanzjarju tal-Impriża Konġunta jirregola l-implimentazzjoni tal-baġit.
- (4) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom ipprovdiet ammont ta' referenza finanzjarju li tqies bħala neċessarju għall-Impriża Konġunta, flimkien mal-kontribuzzjoni totali indikattiva tal-Euratom għal dak l-ammont, li għandu jkun disponibbli permezz tal-programmi Komunitarji ta' riċerka u taħriġ li ġew adottati skont l-Artikolu 7 tat-Trattat jew permezz ta' kwalunkwe deċiżjoni oħra adottata mill-Kunsill.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 tat-30 ta' Settembru 2013 dwar Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemija fl-Artikolu 208 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

- (5) Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom<sup>1</sup> biex tippermetti l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta għall-perijodu tal-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013<sup>2</sup>.
- (6) Linja bażi ġdida tal-proġett ITER, li tħejjiet bħala parti mit-titjib fil-ġestjoni tal-proġett, kisbet l-appoġġ tal-Kunsill ITER fl-2016 u l-2017. Sussegwentement intużat biex jiġu stmati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Impriża Konġunta. L-iskeda aġġornata tal-linja bażi l-ġdida tipprevedi li l-Ewwel Plażma ser tinkiseb f'Diċembru 2025 u operazzjoni bi prestazzjoni sħiħa, bl-użu ta' fjuwil tad-dewterju-tritju, fl-2035. Dik l-iskeda ma tinkludix il-kontinġenzi u għalhekk tassumi li r-riskji maġġuri kollha għandhom jiġu mitigati.

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/791/Euratom tat-13 ta' Diċembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha vantaġġi (ĠU L 349, 21.12.2013, p. 100).

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (7) Fit-12 ta' April 2018, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-impenn kontinwu tal-Euratom għat-tlestija b'suċċess tal-proġett ITER u ta mandat lill-Kummissjoni biex tapprova l-linja bażi l-ġdida tal-proġett ITER fisem l-Euratom f'laqgħa tal-Kunsill ITER fil-livell Ministerjali. Fl-istess ħin, il-Kunsill talab li l-Impriża Konġunta tkompli twettaq id-dmirijiet tagħha ta' rapportar u rieżami skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2010 u twettaq valutazzjonijiet indipendenti regolari tal-progress tal-ITER b'enfasi fuq il-prestazzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti, inkluż it-trażżin tal-kostijiet, il-kontroll tal-iskeda tal-proġetti kif ukoll il-ġestjoni tar-riskji.
- (8) Din id-Deċiżjoni ser tippermetti sinerġiji u komplementaritajiet mal-attivitajiet ta' riċerka dwar il-fużjoni ffinanzjati permezz tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom. Il-konstruzzjoni u l-operazzjoni b'suċċess tal-ITER jinsabu fuq il-perkors kritiku tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni approvat mill-partijiet ikkonċernati kollha involuti fir-riċerka dwar il-fużjoni fl-Ewropa.
- (9) Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill stabbilixxew il-livell massimu tal-impenji tal-Euratom għall-ITER fil-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2021-2027 stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>1</sup> (il-'QFP 2021-2027') għal EUR 5 614 000 000 fi prezzijiet kurrenti.
- (10) B'rispett sħiħ tad-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita tal-enerġija tagħhom, l-azzjonijiet skont din id-Deċiżjoni jistgħu jikkontribwixxu għat-twettiq tal-oġġettivi tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

- (11) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet<sup>1</sup>, jenħtieġ li l-ITER jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni eċċessiva u l-piżijiet amministrattivi. Fejn ikun xieraq, daww ir-rekwiżiti jistgħu jinkludu indikaturi kwantifikabbli, bħala bażi tal-evalwazzjoni tal-effetti tal-ITER. Il-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni ser jiġu komunikati lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni. Jekk il-perijodi tal-evalwazzjonijiet *ex post* u interim ikunu qrib xulxin, jenħtieġ li jkun possibbli li ż-żewġ evalwazzjonijiet jingħaqdu f'evalwazzjoni waħda li tkopri perijodu kkombinat.

---

<sup>1</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

- (12) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (ir-'Regolament Finanzjarju'), ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>3</sup>, (Euratom, KE) Nru 2185/96<sup>4</sup> u (UE) 2017/1939<sup>5</sup>, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inkluż miżuri relatati mal-prevenzjoni, is-sejbien, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod mhux korrett, u, fejn xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxi mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>5</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, bil-għan li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) għandu s-setgħa, skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jressaq għall-prosekuzzjoni reati kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi fondi mill-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess neċessarji lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kwalunkwe parti terza involuta fl-implimentazzjoni ta' fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (13) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tiżgura l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità permezz tal-għoti ta' informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, fosthom il-media u l-pubbliku.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-għieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

- (14) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom tiġi emendata biex tippermetti l-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriża Konġunta u l-attivitajiet relatati tal-Kummissjoni għall-perijodu 2021-2027 mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.
- (15) Sabiex tiġi żgurata t-tlestija b'suċċess tal-proġett ITER u l-kontinwità fl-ġhoti ta' appoġġ fil-qasam ta' politika rilevanti mill-bidu tal-QFP 2021-2027 din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika, b'effett retroeffettiv, mill-1 ta' Jannar 2021 u jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'mod urġenti.
- (16) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2007/198/Euratom hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

'3. Il-kontribuzzjoni indikattiva tal-Euratom lill-Impriża Konġunta għall-perijodu 2021-2027, inkluża n-nefqa ta' appoġġ relatata kif imsemmi fil-paragrafu 4 għall-istess perijodu, għandha tkun EUR 5 614 000 000 fi prezzijiet kurrenti.';

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

'4. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 3 jista' jkopri wkoll spejjeż rigward it-tħejjija, il-monitoraġġ, il-verifiki, l-awditu, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra meħtieġa għall-ġestjoni u għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, inkluż in-nefqa amministrattiva, kif ukoll għall-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tagħha. Dan jista' jkopri wkoll l-ispejjeż relatati mal-istudji u l-laqgħat ta' esperti, u spejjeż rigward networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni ta' din id-Deċiżjoni.';

- (2) Jitħassar l-Artikolu 5b;
- (3) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*'Artikolu 5c*

*Evalwazzjoni*

1. L-evalwazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jitwettqu regolarment u f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
2. Ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni matul il-perijodu 2021-2027, il-Kummissjoni għandha titwettaq evalwazzjoni interim dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni l-aktar tard sal-2024.
3. Fi tmiem l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-aktar tard sa erba' snin wara t-tmiem tal-perijodu speċifikat fl-Artikolu 4(3), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni finali tal-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
4. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet, imwettaq skont dan l-Artikolu, akkumpanjati mill-osservazzjonijiet tagħha, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni.';

(4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*'Artikolu 5d*

*Komunikazzjoni, viżibbiltà u pubbliċità*

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Komunità għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' daww il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inkluż lill-media u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni relatati ma' din id-Deċiżjoni, mal-azzjonijiet meħuda skont din id-Deċiżjoni u mar-riżultati miksuba. Ir-riżorsi finanzjarji allokat i għal din id-Deċiżjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm daww il-prijoritajiet ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 1.1.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---